KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
NORKUS
ippreżentati fit-13 ta' Marzu 2025[1]

Kawża C-715/23

Farmacija, d.o.o.
vs
Občina Benedikt,
fil-preżenza ta':
MN

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mid-Državna revizijska komisija za revizijo postopkov oddaje javnih naročil (il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza tal-Proċeduri għall-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi, is-Slovenja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Proċeduri ta' għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni – Direttiva 2014/23/UE – Artikolu 4(2) u Artikolu 19 – Kamp ta' applikazzjoni – Attività ta' operat ta' spiżerija"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mid-Državna revizijska komisija za revizijo postopkov oddaje javnih naročil (il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza tal-Proċeduri għall-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi, is-Slovenja) skont l-Artikolu 267 TFUE għandha bħala suġġett l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) u tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni[2].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Farmacija Ljubljana Polje (iktar 'il quddiem "Farmacija"), kumpannija b'responsabbiltà limitata, u l-Občina Benedikt (il-Komun ta' Benedikt, is-Slovenja, iktar 'il quddiem il-"Komun ta' Benedikt") dwar l-għoti minn dan tal-aħħar ta' awtorizzazzjoni għall-operat ta' fergħa ta' spiżerija fit-territorju tiegħu mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' konċessjoni. Permezz tar-rikors tagħha kontra din id-deċiżjoni amministrattiva, Farmacija tilmenta, essenzjalment, li l-Komun ta' Benedikt ma implimentax il-proċedura rilevanti, jiġifieri dik tal-għoti ta' konċessjoni, bi ksur tad-Direttiva 2014/23. Min-naħa tiegħu, dan tal-aħħar iqis li l-awtorizzazzjoni għall-operat ta' fergħa ta' spiżerija ma tikkostitwixxix l-għoti ta' konċessjoni u li għaldaqstant Farmacija ma tibbenefikax minn protezzjoni ġuridika skont din id-direttiva.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] ĠU 2014, L 94, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2015, L 114, p. 24 u fil-ĠU 2018, L 82, p. 17.

3. Il-kwistjoni bażika li tqum f'din il-kawża hija għalhekk jekk is-servizzi pprovduti fil-kuntest tal-operat ta' spiżerija jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23. Din tippreżupponi li s-servizzi farmaċewtiċi inkwistjoni jistgħu jiġu kklassifikati bħala "attività ekonomika". Minn naħa, il-fatt li l-forniturі ta' dawn is-servizzi huma rremunerati jimmilita favur tali interpretazzjoni. Din il-kunsiderazzjoni tapplika għall-profitt li jirriżulta mill-provvista tas-servizz pubbliku li jikkonsisti fil-bejgħ ta' prodotti mediċinali, iżda wkoll minn attivitajiet kummerċjali oħra. Min-naħa l-oħra, huwa neċessarju li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rwol essenzjali li għandhom l-ispiżeriji fis-saħħa pubblika, kif ukoll il-finanzjament tagħhom, li jqegħidhom f'relazzjoni privileġġata mal-Istat u jiddistingwihom minn operaturi ekonomiċi oħra. Dawn l-aspetti kollha jwassluna għall-kwistjoni klassika dwar id-demarkazzjoni bejn is-"servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" u s-"servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali", li tiddetermina l-applikabbiltà tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi. Is-sentenza futura tal-Qorti tal-Ġustizzja jista' jkollha impatt li jmur lil hinn minn din il-kawża, għaliex ser tippermetti li jiġu aġġustati r-regoli tas-suq intern f'settur meqjus sensittiv minn ċerti Stati Membri.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

4. Il-premessi 6, 14, 17, 19 u 53 tad-Direttiva 2014/23 huma fformulati kif ġej:

"(6) Għandu jiġi mfakkar li l-Istati Membri huma ħielsa li jiddeċiedu, f'konformità mal-prinċipji tat-TFUE dwar trattament ugwali, nondiskriminazzjoni, trasparenza u l-moviment liberu ta' persuni, li jorganizzaw il-forniment ta' servizzi sew bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jew bħala servizzi mhux ekonomiċi ta' interessi ġenerali jew bħala taħlita tagħhom. […] Barra minn hekk, din id-Direttiva ma tittrattax il-finanzjament ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jew sistemi ta' għajnuna mogħtija mill-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qasam soċjali, skont ir-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni. Huwa adatt li jiġi ċċarat li servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali m'għandhomx jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

[…]

(14) Barra minn hekk, ċerti atti ta' Stat Membru bħal awtorizzazzjonijiet jew liċenzji, fejn l-Istat Membru jew awtorità pubblika tiegħu tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-eżerċitar ta' attività ekonomika, inkluża kondizzjoni biex titwettaq operazzjoni speċifika, mogħtija, normalment, fuq talba tal-operatur ekonomiku u mhux fuq inizjattiva tal-awtorità jew l-entità kontraenti u fejn l-operatur ekonomiku jibqa' liberu li jirtira mill-forniment ta' xogħlijiet jew servizzi, m'għandhomx jikkwalifikaw bħala konċessjonijiet. Fil-każ ta' dawk l-atti tal-Istati Membri, jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[, tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36)]. B'kuntrast ma' dawk l-atti tal-Istat Membru, il-kuntratti ta' konċessjoni jipprevedu obbligi vinkolanti b'mod reċiproku fejn l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet jew servizzi hija soġġetta għal rekwiżiti speċifiċi definiti mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti li huma legalment infurzabbli.

[…]

(17) Il-kuntratti li ma jinvolvux ħlasijiet lill-kuntrattur u fejn il-kuntrattur hu remunerat abbażi tat-tariffi rregolati, ikkalkolati sabiex ikopru l-ispejjeż u l-investimenti kollha mġarrba mill-kuntrattur talli jkun ipprovda servizz, m'għandhomx ikunu koperti minn din id-Direttiva.

[…]

(19) Fejn regolamentazzjoni speċifika għas-settur telimina r-riskju billi tipprevedi garanzija lill-konċessjonarju li jiġbor lura l-flus li jkun investa u l-ispejjeż li jkun ġarrab għall-operat tal-kuntratt, tali kuntratt m'għandux jikkwalifika bħala konċessjoni skont it-tifsira ta' din id-Direttiva. Il-fatt li r-riskju huwa limitat mill-bidu m'għandux jipprekludi l-kwalifika tal-kuntratt bħala konċessjoni. Dan jista' jkun il-każ pereżempju f'setturi b'tariffi regolati jew fejn ir-riskju operattiv ikun limitat permezz ta' arranġamenti kuntrattwali li jipprevedu kumpens parzjali inkluż kumpens f'każ ta' terminazzjoni bikrija tal-konċessjoni għal raġunijiet attribwibbli lill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti jew għal raġunijiet ta' force majeure.

[…]

(53) Huwa adatt li jiġu esklużi mill-applikazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva biss dawk is-servizzi li jkollhom dimensjoni transkonfinali limitata, bħal ċerti servizzi soċjali, tas-saħħa jew edukattivi. Dawk is-servizzi jingħataw f'kuntest partikolari li jvarja ħafna fost l-Istati Membri, minħabba tradizzjonijiet kulturali differenti. Għalhekk għandha tiġi stabbilita sistema speċifika għall-konċessjoni ta' dawn is-servizzi, li tqis il-fatt li huma qed jiġu rregolati għall-ewwel darba. Obbligu li jippubblikaw avviż ta' informazzjoni minn qabel u avviż tal-għoti ta' konċessjoni ta' kwalunkwe konċessjoni b'valur daqs jew akbar mil-limiti stabbiliti f'din id-Direttiva huwa mod adegwat sabiex tingħata informazzjoni lil offerenti potenzjali dwar opportunitajiet ta' negozju, kif ukoll sabiex tingħata informazzjoni lill-partijiet interessati kollha dwar l-għadd u t-tip ta' kuntratti mogħtija. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri xierqa b'referenza għall-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni għal dawk is-servizzi, bil-għan li jiżguraw konformità mal-prinċipji tat-trasparenza u t-trattament ugwali ta' operaturi ekonomiċi, filwaqt li jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu l-ispeċifiċitajiet tas-servizzi inkwistjoni […]."

5. L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 u 4 tiegħu:

"1. Din id-direttiva tistabbilixxi r-regoli dwar il-proċeduri għall-akkwist minn awtoritajiet kontraenti u entitajiet kontraenti permezz ta' konċessjoni, li l-valur tagħha huwa stmat li huwa inqas mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 8.

[…]

4. Ftehimiet, deċiżjonijiet jew strumenti legali oħra li jorganizzaw it-trasferiment tas-setgħat u r-repsonsabbiltajiet għat-twettiq ta' kompiti pubbliċi bejn awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti jew raggruppamenti ta' awtoritajiet jew entitajiet kontraenti, u li ma jipprovdux li tingħata rimunerazzjoni għal prestazzjoni kuntrattwali, jitqiesu bħala materja ta' organizzazzjoni interna tal-Istat Membru kkonċernat u, bħala tali, li mhuma affettwati bl-ebda mod minn din id-Direttiva."

6. L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Libertà għad-definizzjoni ta’ servizzi ta’ interess ekonomiku ġenerali”, jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

“Is-servizzi mhux ekonomiċi ta’ interess ġenerali għandhom jaqgħu barra mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva.”

7. Il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 5 u t-tieni subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 5 tal-istess direttiva jistabbilixxu:

“Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(b) ‘konċessjoni ta’ servizzi’ tfisser kuntratt b’interess pekunjarju konkluż bil-miktub, li permezz tiegħu awtorità kontraenti jew entità kontraenti waħda jew aktar tafda l-forniment u l-ġestjoni ta’ servizzi li mhumiex twettiq ta’ xogħlijiet kif imsemmi fil-punt (a) lil operatur ekonomiku wieħed jew aktar, meta l-konsiderazzjoni għal din tkun tikkonsisti unikament fid-dritt ta’ sfruttament tas-servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt jew f’dak id-dritt flimkien ma’ ħlas;

L-għoti ta’ konċessjoni ta’ xogħlijiet jew servizzi għandu jinvolvi t-trasferiment lill-konċessjonarju ta’ riskju operattiv fl-isfruttament ta’ dawk ix-xogħlijiet jew servizzi, li jinkludi riskju ta’ domanda jew ta’ disponibbiltà jew tat-tnejn. Il-konċessjonarju għandu jitqies li jassumi r-riskju operattiv, f’kondizzjonijiet ta’ operazzjoni normali, meta ma jkunx garantit li jirkupra l-investimenti magħmula jew l-ispejjeż imġarrba fl-operat tax-xogħlijiet jew is-servizzi li huma s-suġġett tal-konċessjoni. Il-parti tar-riskju ttrasferita lill-konċessjonarju għandha tinvolvi esponiment reali għall-inċertezzi tas-suq, b’tali mod li kwalunkwe telf potenzjali stmat imġarrab mill-konċessjonarju m’għandux ikun biss nominali jew negliġibbli […]”

8. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23, intitolat “Limitu u metodi għall-kalkolu tal-valur stmat ta’ konċessjoni”, jistabbilixxi:

“1. Din id-direttiva tapplika għal konċessjonijiet li l-valur tagħhom huwa daqs jew aktar minn EUR 5 186 000.

2. Il-valur ta’ konċessjoni għandu jkun il-fatturat totali tal-konċessjonarju ġġenerat matul il-perijodu tal-kuntratt, in-nett ta[t-taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT)], kif stmat mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti, b’kont meħud tax-xogħlijiet u s-servizzi li jkunu s-suġġett tal-konċessjoni, kif ukoll il-fornimenti inċidentali ta’ tali xogħlijiet u servizzi.

[…]”

9. L-Artikolu 18 ta’ din id-direttiva, intitolat “Tul ta’ żmien tal-konċessjoni”, jistabbilixxi:

“1. It-tul ta’ żmien tal-konċessjonijiet għandu jkun limitat. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tivvaluta t-tul ta’ żmien abbażi tax-xogħlijiet jew is-servizzi mitluba.

2. Għal konċessjonijiet li jdumu aktar minn ħames snin, il-tul ta’ żmien massimu tal-konċessjoni m’għandux jeċċedi ż-żmien li konċessjonarju jista’ jkun mistenni jieħu biex jiġbor l-investimenti mwettqa fl-operazzjonijiet tax-xogħlijiet jew tas-servizzi flimkien ma’ redditu raġonevoli fuq

il-kapital investit b'kont meħud tal-investimenti li jkunu meħtieġa jiksbu l-objettivi kuntrattwali speċifiċi.

L-investimenti li jkunu kkunsidrati għall-finijiet tal-kalkolu għandhom jinkludu kemm l-investimenti inizjali kif ukoll dawk ta' matul il-ħajja tal-konċessjoni."

10. L-Artikolu 19 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħrajn", jipprovdi:

"Konċessjonijiet għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra elenkati fl-Anness IV li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu soġġetti biss għall-obbligi li ġejjin mill-Artikolu 31(3) u l-Artikoli 32, 46 u 47."

B. Id-dritt Sloven

1. Iż-ZNKP

11. Il-punt 18 tal-Artikolu 2 taż-Zakon o nekaterih koncesijskih pogodbah (il-Liġi dwar Ċerti Kuntratti ta' Konċessjoni, iktar 'il quddiem iż-"ZNKP")[3] jistabbilixxi:

"'Servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali' tfisser is-servizzi mhux ekonomiċi li jiġu pprovduti skont il-liġi bħala servizzi ta' interess ġenerali u li ma jiġux offruti bi ħlas fis-suq u għalhekk ikunu suġġetti għal obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku."

12. L-Artikolu 9 ta' din il-liġi jipprovdi:

"Din il-liġi tapplika għall-kuntratti ta' konċessjoni li l-valur stmat tagħhom, eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), ikun ekwivalenti jew ogħla mill-valur previst fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva [2014/23]."

13. L-Artikolu 10 tal-imsemmija liġi jistabbilixxi:

"Il-konċessjonijiet li huma rregolati b'din il-liġi kif ukoll b'liġijiet speċjali għandhom ikunu suġġetti għal din il-liġi u għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet speċjali sa fejn ma jmorrux kontra din il-liġi."

14. L-Artikolu 11(1) tal-istess liġi jistabbilixxi:

"Din il-liġi ma tapplikax:

1. għall-konċessjonijiet għal servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali."

15. L-Artikolu 15 taż-ZNKP jipprovdi:

"Il-konċessjonijiet ta' servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra previsti fl-Anness IV tad-Direttiva [2014/23] għandhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi li tirregola l-obbligu li jitwettqu atti preparatorji, l-obbligu li jiġi ppubblikat l-avviż previst fl-Artikoli 35 u 40

[3] Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja Nru 9/2019 tal-11.2.2019.

ta' din il-liġi, kif ukoll il-protezzjoni ġuridika fil-proċeduri ta' selezzjoni tal-konċessjonarju skont din il-liġi."

2. Iż-ZZDej

16. L-Artikolu 2 taż-Zakon o zdravstveni dejavnosti (il-Liġi dwar il-Kura tas-Saħħa, iktar 'il quddiem iż-"ZZDej")[4] jistabbilixxi:

"Il-kura tas-saħħa għandha tingħata fil-livell primarju, fil-livell sekondarju u fil-livell terzjarju.

Il-kura tas-saħħa fil-livell primarju għandha tinkludi l-kura tas-saħħa bażika u l-attività farmaċewtika."

17. L-Artikolu 3 ta' din il-liġi jipprovdi:

"Il-forniturі tal-kura tas-saħħa għandhom ikunu persuni fiżiċi u ġuridiċi nazzjonali u barranin li jkunu kisbu awtorizzazzjoni mill-Ministeru responsabbli għas-saħħa għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-kura tas-saħħa.

Is-servizz pubbliku tas-saħħa għandu jinkludi s-servizzi tas-saħħa li l-provvista permanenti u kontinwa tagħhom tiġi żgurata fl-interess pubbliku mill-Istat u mill-awtoritajiet lokali u li, abbażi tal-prinċipju ta' solidarjetà, huma ggarantiti skont ir-regoli li jirregolaw il-kura tas-saħħa u l-assigurazzjoni għall-mard, bħala benefiċċji mill-iskema legali ta' assigurazzjoni għall-mard u huma ffinanzjati kompletament jew parzjalment minn fondi pubbliċi, b'mod partikolari mill-iskema legali ta' assigurazzjoni għall-mard. Is-servizzi tas-saħħa msemmija fis-sentenza preċedenti għandhom jiġu pprovduti bħala servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali minn forniturі tal-kura tas-saħħa mingħajr skop ta' lukru, b'mod li l-eċċess tad-dħul fuq l-ispejjeż għandu jintuża għall-eżerċizzju u għall-iżvilupp tal-kura tas-saħħa."

18. L-Artikolu 20(1) tal-imsemmija liġi jistabbilixxi:

"L-attività farmaċewtika għandha tiġi eżerċitata skont liġi speċjali. Din il-liġi tapplika għall-kwistjonijiet mhux koperti permezz ta' liġi speċjali."

3. Iż-ZLD-1

19. L-Artikolu 1 taż-Zakon o lekarniški dejavnosti (il-Liġi dwar l-Attività Farmaċewtika, iktar 'il quddiem iż-"ZLD-1")[5] jistabbilixxi:

"Din il-liġi tirregola l-għan, il-kontenut u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attività farmaċewtika, l-organizzazzjoni, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-għoti u għall-eżerċizzju ta' konċessjonijiet, il-professjonisti fis-settur farmaċewtiku u l-assoċjazzjonijiet professjonali tagħhom, l-attività farmaċewtika online u l-kontroll."

[4] Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja Nru 9/92 tal-21.2.1992.

[5] Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja Nru 85/16 tat-28.12.2016.

20. L-Artikolu 2(1) ta' din il-liġi jipprovdi:

"L-għan tal-attività farmaċewtika huwa li tiġi żgurata provvista effiċjenti u ta' kwalità ta' prodotti mediċinali u prodotti oħra intiżi li jiffavorixxu t-trattament u li jipproteġu s-saħħa, kif ukoll li jingħataw pariri lill-pazjenti u lill-professjonisti tas-saħħa f'dak li jirrigwarda l-użu mingħajr perikolu, korrett u effettiv."

21. Il-punt 8 tal-Artikolu 4(1) tal-imsemmija liġi jistabbilixxi:

"Fornitur ta' attività farmaċewtika [tfisser] persuna fiżika jew ġuridika detentriċi ta' konċessjoni għall-eżerċizzju ta' attività farmaċewtika skont din il-liġi, stabbiliment pubbliku ta' spiżerija, sptar jew fornituri oħra skont din il-liġi."

22. L-Artikolu 5 tal-istess liġi jistabbilixxi:

"1. L-attività farmaċewtika hija servizz pubbliku tas-saħħa li jiżgura provvista permanenti u kontinwa ta' prodotti mediċinali lill-popolazzjoni u lill-fornituri tal-kura tas-saħħa, kif ukoll it-trattament farmaċewtiku tal-pazjenti.

2. L-attività farmaċewtika għandha tiġi eżerċitata fil-livell primarju, fil-livell sekondarju u fil-livell terzjarju tal-kura tas-saħħa.

3. Il-pjan ta' tqassim tal-ispiżeriji previst f'din il-liġi għandu jiġi żgurat, fil-livell primarju, mill-komun jew b'mod konġunt minn diversi komuni limitrofi u, fil-livell sekondarju u fil-livell terzjarju, mill-Istat."

23. L-Artikolu 10(2), (3), (4) u (7) taż-ZLD-1 jipprovdi:

"2. Fergħa ta' spiżerija tista' teżerċita l-attività tagħha biss taħt il-kontroll professjonali tal-ispiżerija li tkun organizzatha. L-amministratur tal-ispiżerija li tkun organizzat il-fergħa għandu jkun responsabbli għall-operat ta' din tal-aħħar.

3. L-awtorizzazzjoni għall-operat ta' fergħa ta' spiżerija għandha tinħareġ mill-komun li fit-territorju tiegħu tkun stabbilita din il-fergħa, wara opinjoni minn qabel tal-Ordni tal-Ispiżjara (Lekarniška zbornica Slovenije) u bil-kunsens tal-Ministeru.

4. L-awtorizzazzjoni għall-operat ta' fergħa ta' spiżerija tista' wkoll tinħareġ għal żmien limitat jew għal perijodu determinat tas-sena (l-istaġun turistiku).

[…]

7. Fergħa ta' spiżerija għandha tibda teżerċita l-attività farmaċewtika tagħha biss ladarba tkun inħarġitilha l-awtorizzazzjoni skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 67 ta' din il-liġi."

24. L-Artikolu 15(1) ta' din il-liġi jistabbilixxi:

"L-eżerċizzju tal-attività farmaċewtika għandu jkun iffinanzjat minn fondi pubbliċi u privati. Il-fondi pubbliċi msemmija fis-sentenza preċedenti għandhom jinkludu b'mod partikolari:

– il-ħlasijiet għax-xogħol imwettaq fil-kuntest tal-attività farmaċewtika abbażi ta' kuntratt konkluż mal-organi ta' assigurazzjoni tas-saħħa,

– il-ħlasijiet minn krediti baġitarji,

– il-fondi proprji."

25. L-Artikolu 27(1) tal-imsemmija liġi jistabbilixxi:

"Stabbiliment pubbliku ta' spiżerija fil-livell primarju għandu jinħoloq minn komun jew b'mod konġunt minn diversi komuni limitrofi fit-territorju tagħhom, wara opinjoni minn qabel tal-korp professjonali kompetenti u bil-kunsens tal-Ministeru."

26. L-Artikolu 39(1) u (2) tal-istess liġi jipprovdi:

"1. Tista' tingħata konċessjoni għall-eżerċizzju ta' attività farmaċewtika fil-livell primarju, taħt il-kundizzjonijiet previsti f'din il-liġi, lil persuna fiżika li teżerċita din l-attività, jew lil persuna ġuridika li fiha l-persuna li teżerċita din l-attività, tkun ukoll l-amministratur tagħha jew il-korp ta' amministrazzjoni tagħha, iżomm iktar minn 50 % tal-kapital azzjonarju (iktar 'il quddiem il-'konċessjonarju').

2. Il-konċessjonarju għandu jorganizza l-ispiżeriji jew il-fergħat ta' spiżerija bħala l-unitajiet organizzattivi tiegħu stess għall-eżerċizzju tal-attività farmaċewtika fiż-żoni li għalihom ikun detentur ta' konċessjoni jew ta' awtorizzazzjoni għall-operat ta' fergħa ta' spiżerija, skont il-pjan ta' tqassim tal-ispiżeriji fil-livell primarju, bla ħsara għall-opinjoni minn qabel tal-korp professjonali kompetenti u għall-kunsens tal-Ministeru."

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

27. Fil-11 ta' Marzu 2022, il-Komun ta' Benedikt, mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' konċessjoni, ħareġ awtorizzazzjoni lil MN għall-operat ta' fergħa ta' spiżerija fit-territorju tiegħu għal żmien indeterminat.

28. Il-kumpannija Farmacija, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, hija rreġistrata fir-Reġistru tal-Kummerċ bħala stabbiliment kummerċjali ta' prodotti farmaċewtiċi, peress li l-azzjonist maġġoritarju tagħha huwa detentur ta' liċenzja li tippermettilu jeżerċita b'mod awtonomu l-professjoni ta' spiżjar fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' attività farmaċewtika.

29. Farmacija ressqet talba għal reviżjoni quddiem il-Komun ta' Benedikt, minħabba li dan tal-aħħar, meta ħareġ l-imsemmija awtorizzazzjoni, kien ta konċessjoni għall-eżerċizzju ta' attività farmaċewtika mingħajr ma segwa l-proċedura applikabbli, bi ksur tad-Direttiva 2014/23.

30. Il-Komun ta' Benedikt ċaħad it-talba għal reviżjoni mingħajr eżami fuq il-mertu, billi qies li Farmacija la kienet tibbenefika minn dritt ta' appell fil-kuntest tal-proċedura ta' qabel ir-reviżjoni u lanqas fil-kuntest tal-proċedura ta' reviżjoni fil-veru sens tal-kelma. Il-Komun ta' Benedikt għaldaqstant iqis li l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni għall-operat ta' fergħa ta' spiżerija ma jikkostitwixxix, fuq il-mertu, għoti ta' konċessjoni ta' servizzi.

31. Farmacija ppreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni tal-Komun ta' Benedikt li dan il-komun bagħat quddiem id-Državna revizijska komisija za revizijo postopkov oddaje javnih naročil (il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza tal-Proċeduri għall-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi, iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza" jew il-"korp tar-rinviju").

32. Il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza tqis li, meta l-Komun ta' Benedikt ħareġ awtorizzazzjoni għall-operat ta' fergħa ta' spiżerija, huwa ta konċessjoni għall-eżerċizzju ta' attività farmaċewtika. Hija madankollu għandha dubji jekk servizzi farmaċewtiċi jikkostitwixxux, fuq il-mertu, servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23.

33. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, filwaqt li speċifikat li jkun hemm lok li tingħata risposta għat-tieni domanda biss fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv:

"1. Is-servizz li jirrigwarda l-eżerċizzju tal-attività farmaċewtika, li essenzjalment għandu bħala skop il-provvista lill-utenti ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem suġġetti għal riċetta medika u ta' dawk li ma humiex suġġetti għal riċetta medika, kif ukoll l-għoti ta' pariri lill-utenti sabiex dawn il-prodotti mediċinali jintużaw b'mod korrett u mingħajr periklu, jista' jiġi kklassifikat bħala 'serviz[z] mhux ekonomi[ku] ta' interess ġenerali' fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/23 […]?

2. Is-servizz li jirrigwarda l-eżerċizzju tal-attività farmaċewtika, li essenzjalment għandu bħala skop il-provvista lill-utenti ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem suġġetti għal riċetta medika u ta' dawk li ma humiex suġġetti għal riċetta medika, kif ukoll l-għoti ta' pariri lill-utenti sabiex dawn il-prodotti mediċinali jintużaw b'mod korrett u mingħajr periklu, jista' jiġi kklassifikat bħala servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra fis-sens tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/23?"

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

34. Id-deċiżjoni tar-rinviju ddatata 23 ta' Novembru 2023 waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess jum.

35. Farmacija, il-Gvern Sloven, il-Gvern Ċek u l-Gvern Elleniku, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea, ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu impost mill-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

36. Waqt is-seduta tat-12 ta' Diċembru 2024, il-mandatarji *ad litem* ta' Farmacija, tal-Gvern Sloven, tal-Gvern Ċek u tal-Gvern Elleniku, kif ukoll tal-Kummissjoni, ippreżentaw osservazzjonijiet.

V. Analiżi ġuridika

A. Fuq il-klassifikazzjoni bħala "konċessjoni" u r-regoli applikabbli għal din tal-aħħar

37. Kif indikajt fl-introduzzjoni, din il-kawża tirrigwarda l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/23 għal dan il-każ. Skont il-korp tar-rinviju, dan jiddependi mill-kwistjoni jekk is-servizzi farmaċewtiċi inkwistjoni jistgħux jiġu kklassifikati bħala "servizzi ta' interess ġenerali mhux ekonomiċi". F'dan il-kuntest, għandu jiġi osservat li d-domandi magħmula mill-korp tar-rinviju huma bbażata fuq il-premessa li din il-kawża tirrigwarda "konċessjoni" fis-sens ta' din id-direttiva. Peress li l-ordinament ġuridiku Sloven jipprevedi diversi skemi sabiex jiġi rregolat l-operat tal-ispiżeriji fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, inqis li huwa neċessarju, għall-kompletezza, li nfakkar fil-qosor il-kuntest ġuridiku tal-Unjoni applikabbli għal dan il-qasam, u b'mod partikolari d-differenza bejn il-kunċetti ta' "konċessjoni" u ta' "awtorizzazzjoni", iktar u iktar peress li huwa biss l-ewwel wieħed minn dawn il-kunċetti li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva [6].

38. Fil-fatt, mill-premessa 14 tad-Direttiva 2014/23 jirriżulta li "ċerti atti ta' Stat Membru bħal *awtorizzazzjonijiet* jew liċenzji, fejn l-Istat Membru jew awtorità pubblika tiegħu tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-eżerċitar ta' attività ekonomika, inkluża kondizzjoni biex titwettaq operazzjoni speċifika, mogħtija, normalment, fuq talba tal-operatur ekonomiku u mhux fuq inizjattiva tal-awtorità jew l-entità kontraenti u fejn l-operatur ekonomiku jibqa' liberu li jirtira mill-forniment ta' xogħlijiet jew servizzi, m'għandhomx jikkwalifikaw bħala konċessjonijiet." Minn din il-premessa jirriżulta wkoll li "[f]il-każ ta' *dawk l-atti* tal-Istati Membri, jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva [2006/123]". (Korsiv miżjud minni)

39. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/123 jiddefinixxi l-kunċett ta' "skema ta' awtorizzazzjoni" u li minn din id-definizzjoni jista' jiġi dedott li b'"awtorizzazzjoni" għandu jinftiehem "deċiżjoni formali […], jew deċiżjoni impliċita, rigward l-aċċess għal attività ta' servizz jew għall-eżerċizzju tagħha". Madankollu, l-Artikolu 2(2)(f) ta' din id-direttiva jistabbilixxi li din tal-aħħar ma għandhiex tapplika għas-"servizzi tal-kura tas-saħħa". Il-premessa 22 tal-imsemmija direttiva tispeċifika li "l-esklużjoni tal-kura tas-saħħa mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tkopri *servizzi ta' kura tas-saħħa u farmaċewtiċi* pprovduti minn professjonisti tas-saħħa". (Korsiv miżjud minni) Fi kliem ieħor, id-Direttiva 2006/123 ma tapplikax fil-każ li l-kundizzjonijiet għall-operat ta' spiżerija kienu ddeterminati mill-ħruġ ta' "awtorizzazzjoni".

40. Issa, kif issemma iktar 'il fuq f'dawn il-konklużjonijiet, dan ma jidhirx li huwa l-każ fil-każ inkwistjoni. Skont il-klassifikazzjoni magħmula mill-korp tar-rinviju b'applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess [7], il-Komun ta' Benedikt ta "konċessjoni" fis-sens tad-Direttiva 2014/23. F'dan il-kuntest, il-premessa 14 ta' din id-direttiva tirriżulta li hija rilevanti sa fejn tiddikjara li, "[b']kuntrast ma' dawk l-atti tal-Istat Membru, *il-kuntratti ta' konċessjoni* jipprevedu obbligi vinkolanti b'mod reċiproku fejn l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet jew servizzi hija soġġetta għal rekwiżiti speċifiċi definiti mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti li huma legalment infurzabbli". (Korsiv miżjud minni) Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li "konċessjoni ta'

[6] Ara s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2016, Promoimpresa *et* (C-458/14 u C-67/15, EU:C:2016:558, punt 45).

[7] Ara s-sentenzi tal-21 ta' Lulju 2005, Coname (C 231/03, EU:C:2005:487, punt 10); tal-10 ta' Marzu 2011, Privater Rettungsdienst und Krankentransport Stadler (C-274/09, EU:C:2011:130, punti 29 u 36), kif ukoll tal-21 ta' Mejju 2015, Kansaneläkelaitos (C-269/14, EU:C:2015:329, punt 25), dwar il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti nazzjonali li tikklassifika l-operazzjoni inkwistjoni. Ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa limitat li tipprovdi lil din tal-aħħar interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni utli għad-deċiżjoni li hija għandha tieħu fil-kawża li tkun adita biha.

servizzi" hija kkaratterizzata, b'mod partikolari, minn sitwazzjoni li fiha dritt ta' operat ta' servizz partikolari jiġi ttrasferit minn awtorità kontraenti lil konċessjonarju, fejn dan tal-aħħar ikollu, fil-kuntest tal-kuntratt konkluż, ċerta libertà ekonomika sabiex jiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom jopera dan id-dritt u għaldaqstant ikun, b'mod parallel, espost ħafna għar-riskji marbuta ma' dan l-operat [8].

41. Huwa fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet dwar il-kuntest ġuridiku li jirregola l-għoti ta' "konċessjonijiet" u ta' "awtorizzazzjonijiet" li għandhom jiġu eżaminati iktar 'il quddiem id-domandi magħmula mill-korp tar-rinviju. Dawn id-domandi ser jiġu eżaminati fl-ordni li saru fiha, wara li tiġi ttrattata l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Gvern Sloven.

B. Fuq l-ammissibbiltà

42. Il-Gvern Sloven jikkontesta l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari minħabba li l-Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza ma għandhiex, f'dan il-każ, il-kwalità ta' "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. B'mod iktar speċifiku, il-Gvern Sloven isostni li l-impossibbiltà li dan il-korp jiġi kklassifikat bħala "qorti jew tribunal" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni hija marbuta man-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tiegħu, skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, sabiex jieħu konjizzjoni tal-kawża prinċipali.

43. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kwalità ta' "qorti jew tribunal" tal-korp tar-rinviju tiddependi minn numru ta' fatturi, bħall-kwistjoni jekk dan il-korp huwiex stabbilit mil-liġi, il-permanenza tiegħu, in-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tiegħu, in-natura kontradittorja tal-proċedura, l-applikazzjoni, mill-imsemmi korp, tar-regoli tad-dritt kif ukoll l-indipendenza tiegħu [9]. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tiddeċiedi dwar il-klassifikazzjoni bħala "qorti jew tribunal" tal-Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza. Dan il-fatt jistħoqqlu attenzjoni partikolari.

44. Fil-kawża Medisanus, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, għall-ewwel darba, li l-Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza kienet tissodisfa l-kriterji kollha sabiex titqies li hija "qorti jew tribunal ta' Stat Membru", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE [10]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ġġustifikat din il-klassifikazzjoni permezz ta' sensiela ta' argumenti li ser niġbor fil-qosor. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li din hija kummissjoni stabbilita biż-Zakon o pravnem varstvu v postopkih javnega narocanja (il-Liġi dwar ir-Rimedji fil-Proċeduri tal-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi) [11], li tagħtiha natura permanenti u tirrendi l-ġurisdizzjoni tagħha obbligatorja. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza ma għandhiex rabta mal-awtoritajiet pubbliċi li d-deċiżjonijiet tagħhom hija tistħarreġ u li l-membri li jikkomponuha jgawdu mill-garanziji previsti mil-Liġi dwar il-Funzjonijiet tal-Imħallfin f'dak li jirrigwarda n-nomina tagħhom, kif ukoll it-terminu u r-raġunijiet ta' revoka tal-mandat tagħhom, b'mod li l-indipendenza tagħhom hija ggarantita. It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-proċedura quddiem il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza hija ta' natura kontradittorja u li d-deċiżjonijiet li hija tadotta, billi tapplika l-Liġi dwar ir-Rimedji fil-Proċeduri tal-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi kif ukoll il-Liġi li Tirregola l-Proċedura Ċivili, għandhom l-awtorità ta' *res judicata*.

[8] Ara s-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 2009, Hans & Christophorus Oymanns (C-300/07, EU:C:2009:358, punt 71), u tal-14 ta' Lulju 2016, Promoimpresa *et* (C-458/14 u C-67/15, EU:C:2016:558, punt 46).

[9] Ara s-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, Medisanus (C-296/15, EU:C:2017:431, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[10] Sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, Medisanus (C-296/15, EU:C:2017:431, punti 32 sa 38).

[11] Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja Nru 43/11 tat-3.6.2011.

45. Għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li, sussegwentement, din il-konklużjoni ma tqegħditx fid-dubju mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha mogħtija rispettivament fil-kawżi Tax-Fin-Lex [12] u SHARENGO [13] li għandhom bħala suġġett domandi preliminari magħmula mill-istess Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza. Fil-fatt, f'dawn iż-żewġ sentenzi, kuntrarjament għas-sentenza mogħtija fil-kawża Medisanus, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kkunsidratx iktar l-ammissibbiltà, b'mod partikolari l-klassifikazzjoni tal-korp tar-rinviju bħala "qorti jew tribunal" skont l-Artikolu 267 TFUE, iżda eżaminat direttament il-mertu tad-domandi magħmula minn dan tal-aħħar. Għalkemm il-Gvern Sloven isostni li l-kawża prinċipali hija differenti mill-kawżi li kienu s-suġġett tas-sentenzi msemmija, huwa ma jispeċifikax, madankollu, liema huwa l-kriterju bbażat fuq il-ġurisprudenza indikata iktar 'il fuq li l-korp tar-rinviju ma jibqax jissodisfa f'din il-kawża. F'din il-perspettiva, ma narax ir-raġuni għalfejn il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teskludi l-klassifikazzjoni adottata, iktar u iktar peress li din tal-aħħar ġiet ikkonfermata diversi drabi. Għaldaqstant jidher ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja ma reġgħetx lura mill-pożizzjoni tagħha.

46. Jidhirli li l-argument tal-Gvern Sloven għandu l-għan li jikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-korp tar-rinviju sabiex jiddeċiedi l-kawża prinċipali u, konsegwentement, li jqiegħed fid-dubju n-neċessità jew l-utilità tar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi magħmula fit-talba tiegħu għal deċiżjoni preliminari. B'mod partikolari, dan il-gvern isostni li, skont id-dritt nazzjonali, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ġuridika fil-kuntest ta' konċessjonijiet irregolati minn leġiżlazzjoni settorjali, il-korp tar-rinviju ma jistax ikollu ġurisdizzjoni sabiex jieħu konjizzjoni tal-kawża prinċipali. L-imsemmi gvern iqis li l-protezzjoni ġuridika prevista mil-Liġi dwar ir-Rimedji fil-Proċeduri tal-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi ma tapplikax għal dan il-każ, peress li d-deċiżjoni adottata mill-Komun ta' Benedikt hija deċiżjoni amministrattiva li kellha tiġi deċiża, fl-ewwel lok, mis-sindku tal-Komun u, jekk ikun il-każ, skont il-proċedura amministrattiva ġenerali.

47. Madankollu, jidhirli li dan l-argument huwa irrilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża, u dan, għar-raġunijiet li ser nesponi iktar 'il quddiem fil-bqija ta' dawn il-konklużjonijiet.

48. Minn naħa, nixtieq nirrileva li minn ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-allegazzjoni li l-qorti tar-rinviju ma għandhiex ġurisdizzjoni, skont ir-regoli tad-dritt nazzjonali, sabiex tieħu konjizzjoni ta' din it-tilwima, ma tistax tkun suffiċjenti sabiex twassal għall-inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, sa fejn ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tqiegħed fid-dubju l-evalwazzjoni, mill-qorti tar-rinviju, tar-regoli nazzjonali ta' organizzazzjoni u ta' proċeduri ġudizzjarji [14]. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tillimita ruħha għad-deċiżjoni tar-rinviju maħruġa minn qorti ta' Stat Membru, sakemm din ma tkunx ġiet irrevokata fil-kuntest tar-rimedji eventwalment previsti mid-dritt nazzjonali [15]. Għaldaqstant, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, huwa suffiċjenti bħala prinċipju li l-korp tar-rinviju jkun iddikjara li għandu ġurisdizzjoni fil-kawża prinċipali [16], mingħajr ma hija rilevanti l-klassifikazzjoni ġuridika preċiża tad-deċiżjoni amministrattiva kkontestata, f'dan il-każ l-għoti ta' "konċessjoni".

[12] Sentenza tal-10 ta' Settembru 2020, Tax-Fin-Lex (C-367/19, EU:C:2020:685).

[13] Sentenza tal-10 ta' Novembru 2022, SHARENGO (C-486/21, EU:C:2022:868).

[14] Ara s-sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et* (C-621/18, EU:C:2018:999, punt 30), u tat-30 ta' Settembru 2020, CPAS de Liège (C-233/19, EU:C:2020:757, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-kawża TGSS (Qgħad tal-impjegati domestiċi) (C-389/20, EU:C:2021:777, punt 28).

[15] Ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Governo della Repubblica italiana (Status tal-giudici di pace Taljani) (C-658/18, EU:C:2020:572, punt 61).

[16] Bla ħsara għall-istħarriġ minn qorti superjuri previst mill-ordinament ġuridiku nazzjonali.

49. Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali adita bit-tilwima u li għandha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tittieħed, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, meta d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni jew il-validità ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, hija marbuta li tagħti deċiżjoni.

50. Id-domandi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni għaldaqstant jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali biss jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni jew l-evalwazzjoni tal-validità mitluba ta' regola tal-Unjoni ma jkollha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jsirulha [17]. F'dan il-każ, la jidher li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba mill-korp tar-rinviju ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, u lanqas li l-problema mqajma minn dan tal-aħħar hija ta' natura ipotetika.

51. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jidhirli li din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domandi magħmula mill-korp tar-rinviju.

C. Fuq il-mertu

1. Fuq l-ewwel domanda preliminari

52. Permezz tal-ewwel domanda tiegħu, il-korp tar-rinviju jistaqsi, essenzjalment, jekk l-attività ta' operat ta' spiżerija, li l-parti essenzjali tagħha tikkonsisti fil-provvista lill-utenti, b'riċetta medika jew mingħajrha, ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u fl-għoti ta' pariri lilhom dwar l-użu korrett u mingħajr perikolu ta' dawn il-prodotti mediċinali, taqax taħt il-kunċett ta' "servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali" fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/23.

a) Fuq il-kunċett ta' "servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali"

53. Nikkonstata qabelxejn li l-kunċett ta' "servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali" jinkludi *żewġ elementi*. Sabiex jaqa' taħt l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/23, servizz għandu, l-ewwel nett, jiġi *pprovdut għall-finijiet ta' interess ġenerali*, u t-tieni nett, ikun ta' *natura mhux ekonomika*. Peress li ż-żewġ elementi huma kumulattivi, l-assenza ta' wieħed minnhom biss tirrendi din id-dispożizzjoni inapplikabbli. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, nippreferi nikkonċentra fuq dak li huwa "mhux ekonomiku" u ma nindirizzax l-element "ta' interess ġenerali", sa fejn jidhirli li dan l-approċċ huwa suffiċjenti sabiex nipproponi risposta utli għall-qorti nazzjonali. Filwaqt li hija interessanti fuq livell akkademiku, il-kwistjoni jekk

[17] Ara s-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2010, Sbarigia (C-393/08, EU:C:2010:388, punti 19 u 20); tas-27 ta' Marzu 2014, Consejería de Infraestructuras y Transporte de la Generalitat Valenciana u Iberdrola Distribución Eléctica (C-300/13, EU:C:2014:188, punt 16), kif ukoll tal-21 ta' Marzu 2024, LEA (C-10/22, EU:C:2024:254, punti 36 u 37).

l-element "ta' interess ġenerali" għandux portata awtonoma fil-kunċett inkwistjoni, jiġifieri jekk servizz "mhux ekonomiku" jikkorrispondix dejjem għall-"interess ġenerali" jew jekk tali servizz jistax ma jiġix ipprovdut fl-"interess ġenerali", ma teħtieġx risposta f'dan il-każ.

54. Ser infakkar il-kriterji li jippermettu li ssir distinzjoni bejn attività "mhux ekonomika" u attività li hija ta' natura "ekonomika" qabel ma napplikahom għal dan il-każ li jirrigwarda l-attività ta' operat ta' spiżerija. Madankollu, qabel ma nibda din l-analiżi, inqis li huwa neċessarju li neżamina l-kwistjoni preliminari tal-marġni ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri fid-definizzjoni tas-"servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali". Fil-fatt, dan il-marġni jikkostitwixxi l-qofol tal-argument tal-Gvern Sloven, li skontu, essenzjalment, "servizz mhux ekonomiku ta' interess ġenerali" huwa dak li l-leġiżlatur nazzjonali jiddefinixxi bħala tali.

b) Fuq il-marġni ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri fid-definizzjoni tas-"servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali"

55. Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/23, intitolat "Libertà għad-definizzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali", is-"servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali" għandhom jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. Fil-fatt, kif tikkonferma l-premessa 6 tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri huma liberi li jorganizzaw il-provvista ta' servizzi jew bħala "servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali", jew bħala "servizzi mhux ekonomiċi ta' interessi ġenerali", jew bħala taħlita tat-tnejn, bla ħsara għall-osservanza tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' nondiskriminazzjoni, ta' trasparenza u ta' moviment liberu tal-persuni. Madankollu, din il-premessa teskludi espressament mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istess direttiva l-finanzjament tas-"servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" u s-sistemi ta' għajnuna mogħtija mill-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qasam soċjali, *kif ukoll is-"servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali*".

56. Għandu jiġi rrilevat li tali esklużjoni teżisti wkoll fil-kuntest tad-Direttiva 2006/123, peress li l-Artikolu 2(2)(a) tagħha jistabbilixxi li din id-direttiva ma tapplikax għas-"servizzi *mhux ekonomiċi* ta' interess ġenerali". Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li s-"servizzi tal-kura tas-saħħa" huma s-suġġett ta' *esklużjoni distinta* mill-kamp ta' applikazzjoni, fl-Artikolu 2(2)(f) tal-imsemmija direttiva [18]. Għalkemm din id-dispożizzjoni ma tinkludix is-"servizzi farmaċewtiċi" li jinsabu fil-qalba ta' din il-kawża, jibqa' l-fatt li l-premessa 22 tal-istess direttiva tirreferi espressament għalihom, bil-konsegwenza li din tal-aħħar ma tapplikax għal dan it-tip ta' servizzi. Fl-aħħar nett, nikkonstata f'dan il-kuntest li l-kunċett ta' "servizz" fis-sens tad-Direttiva 2006/123 huwa nnifsu ta' natura "ekonomika" sa fejn, skont il-punt 1 tal-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, dan il-kunċett ifisser "*attività ekonomika* mhux imħallsa, *normalment magħmula għal remunerazzjoni* kif imsemmija fl-Artikolu [57 TFUE]". (Korsiv miżjud minni)

57. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, għandu jiġi kkunsidrat f'dan l-istadju tal-analiżi, minn naħa, li l-klassifikazzjoni bħala "servizz mhux ekonomiku ta' interess ġenerali" hija deċiżiva sabiex jiġi stabbilit liema hija l-leġiżlazzjoni applikabbli għal każ partikolari. Min-naħa l-oħra, huwa evidenti li, sa fejn din il-klassifikazzjoni tiddependi mill-karatteristiċi tas-"servizz" inkwistjoni, dan tal-aħħar għandu jiġi evalwat każ b'każ. Il-kunċett ta' "servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali", li għalih jirreferi l-korp tar-rinviju fl-ewwel domanda tiegħu, jidher fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali, anness mat-Trattat FUE (iktar 'il quddiem il-"Protokoll Nru 26"), li skontu "[i]d-dispożizzjonijiet tat-Trattati ma jaffettwaw bl-ebda mod il-kompetenza ta' l-Istati Membri li jipprovdi, jikkummisjonaw u jorganizzaw

[18] Ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

is-servizzi non-ekonomiċi ta' interess ġenerali". Madankollu, dan il-kunċett la huwa ddefinit fit-Trattat FUE u lanqas fid-dritt sekondarju [19]. B'mod partikolari, id-Direttiva 2014/23 ma tiddefinixxix il-kunċett ta' "servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali".

58. Barra minn hekk, nixtieq nenfasizza li l-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva ma jinkludi ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri. Għalhekk tqum il-kwistjoni jekk dawn tal-aħħar jibqgħux liberi li jiddefinixxu dak li jaqa' taħt dan il-kunċett bis-saħħa tal-kompetenza tagħhom li jipprovdu, jeżegwixxu u jorganizzaw servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali, liema kompetenza, skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 26, ma hija affettwata bl-ebda mod mid-dispożizzjonijiet tat-Trattati. Jekk, min-naħa l-oħra, il-kunċett ta' "servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali" jaqa' taħt interpretazzjoni awtonoma tad-dritt tal-Unjoni, tista' tqum il-kwistjoni tar-rabta tiegħu mal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 26. It-tweġiba għal din il-kwistjoni tirriżulta mill-prinċipji tal-funzjonament tas-suq intern.

59. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-Unjoni, li, kif jirriżulta mill-Artikolu 26(2) TFUE, jinkludi, *inter alia*, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà ta' stabbiliment, jista' jiġi żgurat biss permezz ta' *interpretazzjoni uniformi* tal-kunċett ta' "servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali", li fin-nuqqas tagħha jkun hemm riskju ta' applikazzjoni eteroġenja tar-regoli tiegħu, li jista' jikkawża l-frammentazzjoni tiegħu.

60. Mid-definizzjoni tiegħu stess, is-suq intern jeħtieġ l-eżistenza ta' *kundizzjonijiet ekwivalenti* għall-eżerċizzju ta' attività ekonomika kullimkien fl-Unjoni. Għal dan il-għan, il-libertajiet fundamentali, li jiggarantixxu spazju mingħajr fruntieri interni u mingħajr ostakoli regolatorji, huma *interpretati u applikat b'mod uniformi*. Fil-fatt, sabiex il-persuni fiżiċi u ġuridiċi jkunu jistgħu jinvokawhom direttament u b'mod ugwali, *il-kontenut u l-portata tad-drittijiet stabbiliti mit-Trattati għandhom ikunu l-istess* [20]. Min-naħa l-oħra, kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontra l-għanijiet tas-suq intern tibqa' mhux applikata [21]. Meta leġiżlazzjoni f'ċerti oqsma tirriżulta li tkun neċessarja għall-finijiet tat-twettiq tas-suq intern, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jadotta miżuri relattivi għall-*approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi* tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 114 TFUE. Is-suq intern għaldaqstant jikkostitwixxi waħda mill-iktar kisbiet importanti tal-Unjoni, għaliex jipprovdi spazju ekonomiku integrat li fih jipparteċipaw l-Istati Membri kollha u Stati assoċjati oħra [22].

61. Issa, jidhirli li, kieku kellu jiġi segwit mingħajr riżerva l-argument tal-Gvern Sloven li s-servizzi inkwistjoni għandhom jiġu kklassifikati bħala attivitajiet "mhux ekonomiċi" minħabba li l-leġiżlatur nazzjonali ddefinixxihom bħala tali, skont it-tradizzjonijiet storiċi, kulturali u politiċi ta' dan l-Istat Membru, dan ikollu eżattament bħala konsegwenza tali *riskju ta' frammentazzjoni* tas-suq intern. Fid-dawl tal-fatt li l-modalitajiet tal-attività farmaċewtika jistgħu jvarjaw b'mod sinjifikattiv minn Stat Membru għal ieħor, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, il-klassifikazzjoni ġuridika tan-natura tagħha mill-Istati Membri ma tistax waħedha tkun determinanti. Fil-fatt, għandu jiġi osservat li, f'dan l-istadju tal-iżvilupp tad-dritt

[19] Barra minn hekk, ma teżistix definizzjoni tas-"servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" minkejja l-fatt li dawn jissemmew fl-Artikolu 14 u fl-Artikolu 106(2) TFUE, kif ukoll fil-Protokoll Nru 26.

[20] Ara s-sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Franza (C-50/08, EU:C:2011:335, punti 67 *et seq.*).

[21] Ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, Winner Wetten (C-409/06, EU:C:2010:503, punt 69).

[22] Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) huwa li jitwettaq bl-iktar mod sħiħ possibbli l-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital fiż-ŻEE kollha, b'mod li s-suq intern imwettaq fit-territorju tal-Unjoni jiġi estiż għall-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA). F'din il-perspettiva, diversi stipulazzjonijiet f'dan il-ftehim huma intiżi li jiggarantixxu interpretazzjoni kemm jista' jkun uniformi ta' dan il-ftehim fiż-ŻEE kollha. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiżgura li r-regoli tal-imsemmi Ftehim li huma essenzjalment identiċi għal dawk tat-Trattat FUE jiġu interpretati b'mod uniformi fi ħdan l-Istati Membri (ara s-sentenza tat-2 ta' April 2020, Ruska Federacija, C-897/19 PPU, EU:C:2020:262, punt 50).

tal-Unjoni, l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tiegħu ma tistabbilixxi regoli ta' aċċess għall-attivitajiet fil-qasam tal-farmaċija li huma intiżi li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fihom l-ispiżeriji l-ġodda u l-eventwali fergħat tagħhom jistgħu jinfetħu fit-territorju tal-Istati Membri [23].

62. Il-kompetenza tal-Istati Membri li jipprovdu, jeżegwixxu u jorganizzaw servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali, prevista fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 26, ma tistax tostakola interpretazzjoni awtonoma tal-kunċett ta' "servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali". Huwa minnu li, skont l-Artikolu 168(7) TFUE, kif ippreċiżat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt tal-Unjoni ma jippreġudikax il-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom u li jadottaw, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet intiżi sabiex jiġu organizzati servizzi tas-saħħa bħall-ispiżeriji. Madankollu, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja tenniet li, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri għandhom josservaw id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà ta' stabbiliment. Dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu l-projbizzjoni għall-Istati Membri milli jintroduċu jew milli jżommu restrizzjonijiet mhux ġustifikati għall-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet fil-qasam tal-kura tas-saħħa [24].

63. Id-dritt tas-suq intern fl-Unjoni għaldaqstant jillimita s-setgħa ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri, indipendentement mill-possibbiltà tagħhom li jiddefinixxu l-livell li fih jixtiequ jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mod kif għandu jintlaħaq dan il-livell. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet f'diversi okkażjonijiet dwar il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tal-fergħat ta' spiżerija u ddeċidiet li kien permess li l-libertà ta' stabbiliment tiġi ristretta għal raġunijiet ta' interess ġenerali, bil-kundizzjoni li dawn ikunu xierqa sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan imfittex u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan [25].

c) Fuq il-klassifikazzjoni tas-servizzi farmaċewtiċi bħala "attività ekonomika" fis-sens tal-libertajiet fundamentali

64. Fil-fehma tiegħi, sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda preliminari, għandha titfakkar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li permezz tagħha din tal-aħħar iddefinixxiet x'jikkostitwixxi "attività ekonomika" fis-sens tad-dritt tas-suq intern tal-Unjoni. Kif indikajt qabel, in-natura "ekonomika" ta' attività partikolari hija determinanti għall-finijiet tad-demarkazzjoni bejn il-qasam tas-"servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" u dak tas-"servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali". Dan il-kriterju għaldaqstant jiddelimita l-portata tal-kompetenzi tal-Unjoni meta mqabbla ma' dawk tal-Istati Membri [26]. Sa fejn iż-żewġ kunċetti jeskludu lil xulxin, id-delimitazzjoni tal-kunċett ta' "attività ekonomika" loġikament ser tippermetti li jiġi ċċarat x'għandu jinftiehem b'"attività mhux ekonomika". Abbażi ta' din id-distinzjoni, ser ikun possibbli li jiġi ddeterminat kif għandhom jiġu kklassifikati s-"servizzi farmaċewtiċi".

[23] Ara s-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 2010, Blanco Pérez u Chao Gómez (C-570/07 u C-571/07, EU:C:2010:300, punt 45), kif ukoll tal-21 ta' Ġunju 2012, Susisalo *et* (C-84/11, EU:C:2012:374, punt 29).

[24] Ara s-sentenzi tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et* (C-171/07 u C-172/07, EU:C:2009:316, punt 18), kif ukoll tal-21 ta' Ġunju 2012, Susisalo *et* (C-84/11, EU:C:2012:374, punti 26 u 27).

[25] Ara s-sentenzi tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et* (C-171/07 u C-172/07, EU:C:2009:316, punt 25), kif ukoll tal-1 ta' Ġunju 2010, Blanco Pérez u Chao Gómez (C-570/07 u C-571/07, EU:C:2010:300, punt 61).

[26] Hatzopoulos, V., *Regulating Services in the European Union*, Oxford University Press, 2012, p. 46, jispjega li l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 26 jiddetermina l-portata tad-dritt tal-Unjoni.

65. Tali approċċ jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li d-Direttiva 2014/23 timplimenta r-regoli dwar il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi – kif turi l-għażla tal-bażijiet legali tal-Artikolu 53(1), tal-Artikolu 61 u tal-Artikolu 114 TFUE li fuqhom ġiet adottata din id-direttiva – li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom huwa limitat għall-"attivitajiet ekonomiċi"[27]. Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-Artikolu 1(4) tal-imsemmija direttiva li jipprevedi espressament l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istess direttiva ta' kwalunkwe prestazzjoni kuntrattwali li għaliha ma tingħatax remunerazzjoni.

66. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar qabelxejn li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-*provvisti ta' servizzi pprovduti normalment bi ħlas* jikkostitwixxu "attivitajiet ekonomiċi", fejn il-karatteristika essenzjali tar-remunerazzjoni hija l-fatt li din tikkostitwixxi *l-korrispettiv ekonomiku tas-servizz* inkwistjoni, mingħajr madankollu ma dan ikollu għalfejn jitħallas mill-benefiċjarju tiegħu[28]. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-għan tas-servizzi farmaċewtiċi inkwistjoni huwa essenzjalment il-provvista ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju, suġġetti jew le għal riċetta medika, flimkien mal-għoti ta' pariri sabiex dawn il-prodotti mediċinali jintużaw b'mod korrett u mingħajr perikolu. Dawn is-servizzi farmaċewtiċi huma ffinanzjati jew minn fondi pubbliċi, fil-każ ta' prodotti mediċinali suġġetti għal riċetta medika u koperti mill-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika, jew direttament mill-konsumatur, fil-każ ta' prodotti mediċinali mhux koperti minn din l-assigurazzjoni.

67. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet espressament fil-ġurisprudenza tagħha li l-attività farmaċewtika *tiġġenera qligħ għall-operaturi tal-ispiżeriji*, minkejja li, fid-dawl tal-importanza tal-għan tas-saħħa pubblika, din tiġi ġeneralment eżerċitata mhux biss b'interess ekonomiku, iżda wkoll b'interess pubbliku soċjali u professjonali[29]. Din il-ġurisprudenza hija konformi mal-konstatazzjoni magħmula wkoll mill-Qorti tal-Ġustizzja li l-akkwist ta' spiżerija sa fejn dan *jippermetti l-eżerċizzju ta' "attività ekonomika"* permezz ta' faċilità stabbli għal żmien indeterminat jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE dwar il-libertà ta' stabbiliment[30].

68. F'qasam relatat, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li servizzi mediċi speċjalizzati pprovduti minn tobba speċjalisti li jaħdmu għal rashom fil-kwalità tagħhom ta' operaturi ekonomiċi li jaħdmu għal rashom għar-riskju tagħhom stess u bi ħlas għandhom jitqiesu li huma "attività ekonomika"[31]. Ir-riferiment għall-kunċett ta' "teħid ta' riskju", li jikkaratterizza preċiżament id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-konċessjonijiet[32], ma huwiex mingħajr interess f'dan il-kuntest, peress li juri li l-għoti ta' konċessjonijiet fis-settur tas-saħħa pubblika ma huwiex esklużż.

69. Għalkemm il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq ċertament tagħti punti ta' riferiment prezzjużi sabiex jiġu indirizzati wħud mill-kwistjonijiet li tqajmu mill-partijiet interessati f'din il-kawża, jidhirli madankollu li analiżi iktar fil-fond hija neċessarja sabiex issostni n-natura "ekonomika" tal-attività ta' spiżjar. Din l-analiżi ser tiffoka fuq ir-raġunijiet li, fil-fehma tiegħi, wasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħmel tali klassifikazzjoni.

27 Ara s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2022, ASADE (C-436/20, EU:C:2022:559, punt 59).

28 Ara s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2022, ASADE (C-436/20, EU:C:2022:559, punt 60).

29 Ara s-sentenza tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et* (C-171/07 u C-172/07, EU:C:2009:316, punt 37). B'mod iktar speċifiku, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, "fir-rigward tal-operatur li għandu l-kwalità ta' spiżjar, ma jistax jiġi nnegat li *huwa jsegwi, bħal persuni oħra, l-għan li jkollu qligħ*." (Korsiv miżjud minni)

30 Ara s-sentenzi tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et* (C-171/07 u C-172/07, EU:C:2009:316, punti 23 u 24), kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2019, Comune di Bernareggio (C-465/18, EU:C:2019:1125, punt 27).

31 Ara s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2000, Pavlov *et* (C-180/98 sa C-184/98, EU:C:2000:428, punti 76 u 77).

32 Ara l-punt 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

70. Minn naħa, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat fil-ġurisprudenza tagħha li l-kunċetti ta' "attività ekonomika" u ta' "provvista ta' servizzi", sa fejn jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni ta' waħda mil-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat, *ma jistgħux jiġu interpretati b'mod restrittiv*[33]. Ikkunsidrat minn din il-perspettiva, jidhirli li huwa koerenti minn perspettiva ġuridika li jiġi konkluż li attività marbuta mill-qrib mas-saħħa pubblika, bħal dik ta' spiżjar, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-libertajiet fundamentali inkwistjoni, jiġifieri l-libertà ta' stabbiliment, u, konsegwentement, hija ta' natura "ekonomika".

71. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq l-element tar-remunerazzjoni sabiex tevalwa n-natura ekonomika tal-attività inkwistjoni, indipendentement minn dak li ħallas din ir-remunerazzjoni, jippermetti li fil-kunċett ta' "attività ekonomika" jiġu inklużi servizzi mħallsa mill-utent iżda *wkoll mill-Istat Membru*. Dan il-każ tal-aħħar jimplika li aspetti marbuta mal-finanzjament ta' sistema nazzjonali tas-saħħa jista' jkollhom ċertu rwol u, għaldaqstant, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-analiżi.

72. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba teżamina jekk attività tiqafx tkun ta' natura "ekonomika" minħabba li tkun iffinanzjata wkoll minn riżorsi tal-Istat. L-argument tal-Gvern Sloven jammonta essenzjalment għaċ-ċaħda tan-natura "ekonomika" tas-sistema ta' ġestjoni tal-ispiżeriji fis-Slovenja, billi jinvoka l-prinċipju ta' solidarjetà li fuqu hija bbażata din is-sistema. Skont dan ir-raġunament, l-iskop soċjali tal-iskema, l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà, l-assenza ta' skop ta' lukru kif ukoll il-kontroll statali ta' din l-attività jiddistingwu b'mod ċar l-operat ta' spiżerija minn "attività ekonomika".

73. Ma nsibx dan l-argument konvinċenti, u dan għar-raġunijiet li ser nesponi iktar 'il quddiem fil-bqija ta' dawn il-konklużjonijiet. Bħall-Gvern Ċek, jidhirli li l-fatt li l-attività farmaċewtika fis-Slovenja tiġi eżerċitata fil-kuntest tas-sistema tas-saħħa pubblika ma huwiex rilevanti għad-determinazzjoni tan-natura tas-servizzi inkwistjoni. Il-provvista ta' servizz farmaċewtiku fl-ispiżeriji, kif deskritta fid-deċiżjoni tar-rinviju, *ma tinvolvix l-eżerċizzju tal-awtorità pubblika*, fis-sens tal-Artikolu 51 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 62 TFUE, peress li l-attivitajiet inkwistjoni ma humiex direttament u speċifikament marbuta mal-eżerċizzju tal-prerogattivi ta' awtorità pubblika[34]. Għalhekk ma teżisti ebda raġuni oġġettiva sabiex dan is-servizz jiġi eskluż mill-klassifikazzjoni bħala "attività ekonomika" sempliċement minħabba li huwa għandu *prossimità ma' politika governattiva*, f'dan il-każ il-politika tas-saħħa.

74. Barra minn hekk, ma jidhirlix li l-eżistenza ta' trasferiment ta' fondi pubbliċi għall-finanzjament tal-prodotti mediċinali koperti mill-assigurazzjoni għall-mard tista' taffettwa n-natura "ekonomika" tas-servizz ipprovdut mill-ispiżeriji. Servizz iżomm in-natura oneruża tiegħu anki meta l-provvista tiegħu tkun iffinanzjata minn fondi pubbliċi. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà qieset li l-ħlasijiet magħmula mill-fond ta' mard jikkostitwixxu l-korrispettiv ekonomiku għas-servizzi tal-isptarijiet u huma ta' natura remuneratorja għall-isptar li jibbenefika minnhom u li huwa involut f'attività ta' tip "ekonomiku"[35].

75. Ma jidhirlix li l-argument imressaq mill-Gvern Sloven, li skontu l-attività lukrattiva tal-ispiżerija hija biss anċillari għall-attività prinċipali ta' servizz pubbliku mhux ekonomiku mingħajr l-għan primarju ta' tfittxija ta' qligħ, huwa suffiċjenti sabiex tiġi miċħuda n-natura

[33] Ara s-sentenza tal-11 ta' April 2000, Deliège (C-51/96 u C-191/97, EU:C:2000:199, punt 52).

[34] Ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2011, Scattolon (C-108/10, EU:C:2011:542, punti 43 u 44).

[35] Ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerbooms (C-157/99, EU:C:2001:404, punt 58).

"ekonomika" ta' din l-attività. Kif stabbilixxiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha, in-natura "ekonomika" ta' attività hija *indipendenti minn kwalunkwe skop ta' lukru* [36]. B'mod iktar partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li l-attività tiġi eżerċitata minn entità li tkun mingħajr skop ta' lukru ma jeskludix li din tal-aħħar tista' teżerċita "attività ekonomika" [37]. Dan japplika iktar u iktar peress li l-operaturi privati ta' spiżeriji għandhom skop ta' lukru, kif irrikonoxxa l-Gvern Sloven waqt is-seduta, anki jekk dan l-għan huwa suġġett għal għanijiet oħra, b'mod partikolari marbuta mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

76. Fil-fatt, fid-dawl tad-*definizzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "attività ekonomika" fil-kuntest tal-libertajiet fundamentali*, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eżitatx, pereżempju, li tikklassifika bħala "servizzi" fis-sens tad-Direttiva 2004/18/KE [38] ftehimiet kuntrattwali fil-qasam tat-trasport mediku, anki meta l-awtorità kontraenti kkonkludiet dawn il-ftehimiet ma' assoċjazzjonijiet ta' volontarjat u meta dawn il-ftehimiet kienu bbażati fuq il-prinċipju ta' solidarjetà [39]. B'din l-istess loġika, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li l-attività tiġi eżerċitata mingħajr skop ta' lukru minn sieħeb privat bħal istituzzjoni ta' solidarjetà soċjali ma jipprekludix li din tiġi kklassifikata bħala "attività ekonomika" [40].

77. Barra minn hekk, kif diġà indikajt fl-espożizzjoni tiegħi tal-kuntest ġuridiku applikabbli, il-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li s-servizzi farmaċewtiċi kellhom jiġu espressament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123 juri, fil-fehma tiegħi, li huwa ma qishomx li kienu "servizzi mhux ekonomiċi". Huwa sempliċement ma xtaqx jissuġġetta dan it-tip ta' servizz għar-regoli speċifiċi ta' din id-direttiva [41].

78. Fl-aħħar nett, nixtieq nirrileva li s-sistemi kollha tas-saħħa pubblika tal-Istati Membri huma kkaratterizzati mill-fatt li huma bbażati fuq il-prinċipji ta' aċċessibbiltà għall-kura tas-saħħa, ta' universalità u, f'livell ftit jew wisq sinjifikattiv, fuq il-prinċipju ta' solidarjetà. Għal din ir-raġuni, l-istess bħall-prinċipju ta' ekwità, dawn il-prinċipji jitqiesu li huma valuri u prinċipji komuni għas-sistemi tas-saħħa tal-Unjoni [42]. Dan il-fatt huwa rifless b'mod partikolari fil-finanzjament tagħhom. Għalhekk jidhirli li s-sistema tas-saħħa inkwistjoni f'din il-kawża, kif deskritta mill-Gvern Sloven [43], ma għandhiex karatteristiċi partikolari li jiġġustifikaw evalwazzjoni differenti.

79. Fil-fehma tiegħi, din il-konklużjoni ma hijiex invalidata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2024) 3755 tal-10 ta' Ġunju 2024 fil-Każ SA.45844 [44] li tiddikjara, abbażi tal-prinċipju ta' solidarjetà, li s-sistema ta' provvista tas-servizzi tas-saħħa fis-Slovenja ma

[36] Ara s-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 2007, Jundt (C-281/06, EU:C:2007:816, punt 33), u tat-23 ta' Frar 2016, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-179/14, EU:C:2016:108, punt 154).

[37] Ara s-sentenzi tat-23 ta' Diċembru 2009, CoNISMa (C-305/08, EU:C:2009:807, punt 45), u tad-19 ta' Ġunju 2014, Centro Hospitalar de Setúbal u SUCH (C-574/12, EU:C:2014:2004, punt 33), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Medina fil-kawża ASADE (C-436/20, EU:C:2022:77, punt 54).

[38] Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132-262).

[39] Sentenzi tad-29 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-119/06, EU:C:2007:729, punti 36 sa 41); tal-11 ta' Diċembru 2014, Azienda sanitaria locale n. 5 "Spezzino" *et* (C-113/13, EU:C:2014:2440, punti 32 sa 43), u tat-28 ta' Jannar 2016, CASTA *et* (C-50/14, EU:C:2016:56, punti 33 sa 41).

[40] Ara s-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Centro Hospitalar de Setúbal u SUCH (C-574/12, EU:C:2014:2004, punt 33).

[41] Ara l-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[42] Ara l-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valuri u l-prinċipji komuni għas-sistemi tas-saħħa tal-Unjoni Ewropea* (2006/C 146/01) (ĠU 2006, C 146, p. 1).

[43] L-eżerċizzju tal-attività farmaċewtika fis-Slovenja huwa ffinanzjat, fil-parti l-kbira tiegħu, minn fondi pubbliċi u, parzjalment, minn fondi privati.

[44] ĠU C, C/2024/4421.

tinvolvix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, minn naħa, li *din id-deċiżjoni ma tikkonċernax l-operat tal-ispiżeriji fis-Slovenja*, kif speċifikat il-Kummissjoni waqt is-seduta fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja. Min-naħa l-oħra, għalkemm ir-regoli fil-qasam tal-konċessjonijiet fid-dritt tal-Unjoni ġew żviluppati inizjalment fil-kuntest tal-libertajiet fundamentali [45], sitwazzjoni legali li barra minn hekk damet sal-kodifikazzjoni ta' dawn ir-regoli fid-Direttiva 2014/23 [46], u minkejja li teżisti ċerta sovrappożizzjoni bejn dawn il-libertajiet u oqsma oħra tad-dritt (jiġifieri d-dritt tal-kompetizzjoni jew tal-għajnuna mill-Istat) [47], jibqa' l-fatt li l-kunċetti ta' "servizzi ta' interess ġenerali" u ta' "attività ekonomika" għandhom tendenza li jvarjaw skont jekk jintużawx fil-kuntest tal-libertajiet fundamentali jew jiġux żviluppati f'dawn l-oqsma l-oħra tad-dritt [48].

80. Minkejja li jfittxu wkoll li jilħqu l-għan komuni tat-twettiq tas-suq intern, ir-regoli dwar id-dritt tal-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat huma kkaratterizzati mill-fatt li għandhom għanijiet regolatorji speċifiċi, kif ukoll modalitajiet ta' applikazzjoni speċifiċi għal dawn l-oqsma tad-dritt, li jiddistingwihom b'mod ċar mil-libertajiet fundamentali. Għaldaqstant, il-kunċett ta' "attività ekonomika" huwa marbut mill-qrib mal-kunċett ta' "impriża" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, li, jekk jiġu ssodisfatti kriterji addizzjonali, jiskatta l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, filwaqt li l-assenza ta' "impriża" fis-sens tad-dritt tal-kompetizzjoni ma teskludix neċessarjament l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-libertajiet fundamentali [49].

81. Minn dan isegwi li eventwali kunsiderazzjonijiet dwar il-qasam tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat ma jistgħux ikunu kompletament trasponibbli għad-dritt tal-konċessjonijiet. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li l-applikazzjoni tagħhom għal dan il-każ ma hijiex is-suġġett ta' din il-kawża. Kif ġie indikat fil-punti preċedenti, skont il-ġurisprudenza fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, hija *l-provvista ta' servizzi bi ħlas* li għandha titqies bħala "attività ekonomika". Fil-fehma tiegħi, huwa preċiżament dan il-kriterju li għandu jintuża mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża għall-finijiet ta' distinzjoni mis-"servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali" [50].

82. Għar-raġunijiet esposti fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, inqis li l-attività farmaċewtika li l-għan essenzjali tagħha huwa l-provvista ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem suġġetti jew le għal riċetta medika lill-utent, inkluż l-għoti lil dan tal-aħħar ta' pariri sabiex dawn il-prodotti mediċinali jintużaw b'mod korrett u mingħajr perikolu, għandha titqies li hija "attività ekonomika" u għaldaqstant ma tistax tiġi kklassifikata bħala "servizz mhux ekonomiku ta' interess ġenerali" fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/23. Konsegwentement, nipproponi li l-ewwel domanda preliminari għandha tingħata risposta negattiva.

[45] Ara s-sentenzi tal-21 ta' Lulju 2005, Coname (C-231/03, EU:C:2005:487, punti 15 *et seq.*); tat-13 ta' Ottubru 2005, Parking Brixen (C-458/03, EU:C:2005:605, punti 46 *et seq.*); tat-13 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-260/04, EU:C:2007:508, punti 22 *et seq.*), kif ukoll tal-10 ta' Marzu 2011, Privater Rettungsdienst und Krankentransport Stadler (C-274/09, EU:C:2011:130, punt 49).

[46] Ara s-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2019, Rhenus Veniro (C-253/18, EU:C:2019:386, punt 27), u tas-16 ta' Marzu 2023, OL (Estensjoni tal-konċessjonijiet Taljani) (C-517/20, EU:C:2023:219, punt 27).

[47] Sánchez-Graells, A., "State Aid and EU Public Procurement: More Interactions, Fuzzier Boundaries", fi Piernas López, J. J., u Hancher, L. (edituri), *Research Handbook on European State Aid Law*, Cheltenham, 2021, p. 329 *et seq.*; Grith Skovgaard, Ø., "The Notice of the Notion of State Aid and Public Procurement Law", *European State Aid Law Quarterly*, Vol. 15, Nru 4, 2016, p. 508 *et seq.*

[48] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Medina fil-kawża ASADE (C-436/20, EU:C:2022:77, punt 52) u tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża FENIN vs Il-Kummissjoni (C-205/03 P, EU:C:2005:666, punt 51).

[49] Ara s-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2012, Mitteldeutsche Flughafen u Flughafen Leipzig-Halle vs Il-Kummissjoni (C-288/11 P, EU:C:2012:821, punt 50), u tat-22 ta' Ottubru 2015, EasyPay u Finance Engineering (C-185/14, EU:C:2015:716, punt 37), kif ukoll l-*Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea* (2016/C 262/01), ĠU 2016, C 262, p. 3 (punt 6).

[50] Ara wkoll, Il-Kummissjoni Ewropea, *Manwal dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-servizzi*, il-Lussemburgu 2022, p. 8, punt 1.1.2.1 ("Servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali").

83. Jidhirli li din il-konklużjoni, li wasalt għaliha mill-kunċett ta' "attività ekonomika", kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, hija wkoll korretta fil-mertu. Fil-fatt, wieħed għandu jżomm f'moħħu li s-"servizzi ta' interess ġenerali" għaddew minn żvilupp kunsiderevoli matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin, kemm mill-perspettiva politika kif ukoll mill-perspettiva soċjali. Is-servizzi li fil-passat kienu jitqiesu li kienu "mhux ekonomiċi" qegħdin jaqgħu *dejjem iktar taħt l-influwenza tar-regoli tas-suq intern. Huma wkoll is-suġġett ta' leġiżlazzjoni fuq il-livell tal-Unjoni*. Bl-istess mod, numru dejjem jikber ta' servizzi ta' interess ġenerali qiegħed jitwettaq minn operaturi ekonomiċi. Is-settur tas-saħħa ċertament ma huwiex eċċezzjoni għal dan [51]. Il-kunċett ta' "servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali" huwa għaldaqstant suġġett għall-evalwazzjonijiet magħmula fiż-żmien rilevanti, b'mod li, illum il-ġurnata, ċerti oqsma biss għadhom jistgħu jiġu ddefiniti b'mod inekwivoku bħala "mhux ekonomiċi" fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħalma huma l-ġustizzja, il-pulizija, is-sigurtà nazzjonali, il-ġestjoni tas-sistema ta' sinjalar, ċerti servizzi edukattivi [52], eċċ. Dawn l-oqsma jaqgħu taħt il-prerogattivi tal-awtorità pubblika tal-Istat u huma ffinanzjati permezz ta' taxxi. Issa, dan manifestament ma huwiex il-każ inkwistjoni f'din il-kawża.

2. Fuq it-tieni domanda preliminari

84. Fid-dawl tar-risposta li nipproponi li tingħata għall-ewwel domanda preliminari, għandha tiġi kkunsidrata wkoll it-tieni domanda preliminari li permezz tagħha l-korp tar-rinviju jistaqsi, essenzjalment, jekk l-eżerċizzju tal-attività farmaċewtika jaqax taħt is-"servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra" fis-sens tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/23.

85. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-għoti ta' konċessjonijiet għall-provvista tas-"servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra" elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva 2014/23 huwa suġġett għall-modalitajiet partikolari previsti fl-Artikolu 19 ta' din id-direttiva, jiġifieri proċedura ssemplifikata. Konsegwentement, huma eżentati mill-applikazzjoni sħiħa tal-imsemmija direttiva. Din il-proċedura ta' għoti ssemplifikata hija kkaratterizzata mill-fatt li, skont id-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq, il-konċessjonarji huma obbligati biss li jgħarrfu l-għoti previst permezz ta' avviż ta' informazzjoni minn qabel, skont l-Artikolu 31(3) tal-istess direttiva, u permezz ta' avviż ta' għoti ta' konċessjoni dwar ir-riżultati tal-proċedura ta' għoti ta' konċessjoni, skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/23.

86. Ir-raġuni għal din il-proċedura ta' għoti ssemplifikata hija li s-servizzi inkwistjoni għandhom biss dimensjoni transnazzjonali limitata. Kif jirriżulta mill-premessa 53 tad-Direttiva 2014/23, is-servizzi soċjali, tas-saħħa u edukattivi b'mod partikolari jiġu pprovduti f'kuntest speċifiku li jvarja ħafna minn Stat Membru għall-ieħor, minħabba tradizzjonijiet kulturali differenti. Għalhekk ir-rekwiżiti formali huma inqas stretti, anki jekk għandu jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' nondiskriminazzjoni u ta' trasparenza għandhom jiġu osservati fil-każijiet kollha.

87. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li fost il-kategorija tas-"saħħa, servizzi soċjali u servizzi relatati" imsemmija fl-Anness IV tal-imsemmija direttiva hemm il-kodiċijiet "minn 85000000-9 sa 85323000-9" tal-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (iktar 'il quddiem iċ-"CPV") [53]. Iċ-CPV jistabbilixxi sistema ta' klassifikazzjoni unika tal-kuntratti pubbliċi intiża sabiex jiġu standardizzati

[51] Hatzopoulos, V., *Regulating Services in the European Union*, Oxford University Press, 2012, p. 38 *et seq*.

[52] Ara s-sentenza tas-7 ta' Diċembru 1993, Wirth (C-109/92, EU:C:1993:916).

[53] Adottat permezz tar-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 5, p. 3).

r-referenzi użati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti sabiex jiddeskrivu l-kuntratti pubbliċi. Kif fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja, billi rreferiet għall-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/23 u għall-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2195/2002, l-awtorità kontraenti hija obbligata tapplika ċ-CPV fil-proċeduri ta' għoti ta' konċessjonijiet.[54]. Peress li s-"servizzi tal-farmaċija" jikkorrispondu għall-Kodiċi CPV 85149000-5, dawn is-servizzi għandhom jitqiesu li jagħmlu parti mis-"servizzi speċifiċi" fis-sens tal-Artikolu 19 ta' din id-direttiva. Din il-konstatazzjoni hija suffiċjenti, bħala prinċipju, sabiex it-tieni domanda preliminari tingħata risposta affermattiva. Barra minn hekk, il-fatt li s-servizzi farmaċewtiċi jissemmew fl-Anness IV tal-imsemmija direttiva jikkonferma għal darba oħra li l-leġiżlatur tal-Unjoni jqis li huma "attività ekonomika".

88. Għall-kompletezza, jista' jirriżulta utli li jiġi rrilevat li l-klassifikazzjoni bħala "servizz speċifiku" ikollha l-konsegwenza li l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 31(3) kif ukoll mill-Artikoli 32, 46 u 47 tad-Direttiva 2014/23 biss japplikaw għall-attivitajiet farmaċewtiċi eżerċitati f'fergħa ta' spiżerija. Għaldaqstant, li kieku l-korp tar-rinviju, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tiegħu sabiex jevalwa l-fatti u japplika d-dritt tal-Unjoni, kellu jikkonferma l-għoti ta' "konċessjoni" f'dan il-każ, huwa probabbilment ikollu jistabbilixxi jekk ġewx issodisfatti r-rekwiżiti legali li jirriżultaw mill-artikoli msemmija iktar 'il fuq. Għalhekk huwa jkollu jivverifika jekk l-operat tal-fergħa ta' spiżerija kienx is-suġġett tal-avviż ta' informazzjoni minn qabel previst fl-Artikolu 31(3) ta' din id-direttiva u tal-avviż ta' għoti ta' konċessjoni previst fl-Artikolu 32(1) tal-imsemmija direttiva.

89. Barra minn hekk, bħad-direttivi fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, id-Direttiva 2014/23 tistabbilixxi limitu li 'l fuq minnu tapplika din id-direttiva[55]. Skont l-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fil-mument tal-fatti, dan huwa l-każ għall-konċessjonijiet li l-valur tagħhom huwa ta' EUR 5 186 000 jew iktar. Issa, id-deċiżjoni tar-rinviju ma fiha ebda informazzjoni dwar il-valur tal-konċessjoni. Għaldaqstant, sa fejn it-talba għal deċiżjoni preliminari hija bbażata fuq il-premessa li l-kawża prinċipali tirrigwarda l-għoti ta' "konċessjoni", huwa l-korp tar-rinviju li għandu jivverifika jekk il-valur ta' din tal-aħħar jaqbiżx il-limitu rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk l-imsemmija direttiva hijiex applikabbli f'dan il-każ[56]. Fl-assenza ta' informazzjoni iktar preċiża, *it-tul tal-konċessjoni* jista' eventwalment jipprovdi indikazzjoni indiretta f'dan ir-rigward. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-Artikolu 8(2) tal-istess direttiva, "[i]l-valur ta' konċessjoni għandu jkun il-fatturat totali tal-konċessjonarju ġġenerat *matul il-perijodu tal-kuntratt*" (korsiv miżjud minni), ħaġa li timmilita favur l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju. F'dan ir-rigward, huwa paċifiku li l-awtorizzazzjoni għall-operat ta' fergħa ta' spiżerija ngħatat għal *żmien indeterminat*. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi eskluż li nqabeż il-limitu rilevanti.

90. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, inqis li l-attività farmaċewtika li l-għan essenzjali tagħha huwa l-provvista lill-utent ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem suġġetti jew le għal riċetta medika, inkluż l-għoti ta' pariri lill-utent sabiex dawn il-prodotti mediċinali jintużaw b'mod korrett u mingħajr perikolu, taqa' taħt is-"servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra" fis-sens tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/23.

[54] Ara s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2022, SHARENGO (C-486/21, EU:C:2022:868, punti 94 *et seq.*).

[55] Sánchez-Graells, A., *The Concessions Directive 2014/23/EU, Title I Subject-matter, scope, principles and definitions, Art. 8, 8.1 Value threshold and cross-border interest* fi Steinicke, M. u Vesterdorf, P. (edituri), *Brussels Commentary on EU Public Procurement Law*, l-ewwel edizzjoni, Nomos, München, 2018, p. 1130.

[56] Ara s-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Roma Multiservizi u Rekeep (C-332/20, EU:C:2022:610, punt 80).

VI. Konklużjoni

91. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mid-Državna revizijska komisija za revizijo postopkov oddaje javnih naročil (il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Sorveljanza tal-Proċeduri għall-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi, is-Slovenja):

1) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   is-servizzi farmaċewtiċi li l-għan essenzjali tagħhom huwa l-provvista lill-utent ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem suġġetti jew le għal riċetta medika, inkluż l-għoti ta' pariri lill-utent sabiex dawn il-prodotti mediċinali jintużaw b'mod korrett u mingħajr perikolu, ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala "servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali".

2) L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/23, intitolat "Servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħrajn",

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   ikopri s-servizzi farmaċewtiċi li l-għan essenzjali tagħhom huwa l-provvista lill-utent ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem suġġetti jew le għal riċetta medika, inkluż l-għoti ta' pariri lill-utent sabiex dawn il-prodotti mediċinali jintużaw b'mod korrett u mingħajr perikolu.